VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,436, 5 ta' Ġunju, 2015
Taqsima B

A.L. 186 tal-2015

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2015 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħlas Lura ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont Arranġamenti Diplomatiċi u Konsolari (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 70 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu. L.S. 406.06

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2015 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Ħlas Lura ta' Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont Arranġamenti Diplomatiċi u Konsolari (Emenda Nru. 2).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok it-tifsira "missjoni diplomatika" għandu jidħol dan li ġej:

" "missjoni diplomatika" tfisser ambaxxata jew kummissjoni għolja jew kull entità oħra li tista' tiġi approvata bħala entità diplomatika mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin;".